~~taż-Żebbuġ u nsibu Bażilka ġdida u sabiħa mibnija fuq il-blata li fuqha Ġesù għereq l-għaraq tad-demm awl il-lejl tal-passjoni ħarxa tiegħu. U dik il-blata nfisha l-lum hija l-presbiterju tal-artal il-kbir tal-Bażilka li semmejna. U fuq dana l-presbiterju, jiena wkoll żmien ilu, kelli x-xorti li nkanta l-Passju f'Ħadd il-Palm, bħal ma mbagħad fil-Ġimgħa l-Kbira kantajtu wkoll fuq il-Kalvarju.~~

~~U jekk mill-Ġnien taż-Żebbuġ nitilgħu t-telgħa u nidħlu Ġerusalem, wara ftit naslu ħada l-Pretorju ta' Pilatu, u ngħaddu minn dik it-triq li minnha Ġesù għadda mgħobbi bis-salib, u niltaqgħu ma' ħafna knejjes żgħar, mibnija fuq il-waqfiet li naħsbu fuqhom meta nagħmlu l-Via Sagra. U hekk nibqgħu mexjin sa kemm naslu fuq il-Għoqba tal-Golgota jew Kalvarju, u hemmhekk insibu żewġ kappelli, waħda fejn Ġesù kien imnażża' minn ħwejġu u msammar u oħra fejn kien imwaqqaf imsallab fuq is-salib, bejn żewġ ħallelin.~~

~~Imma l-aqwa u l-aktar Imqaddes fost l-Imkejjen kollha huwa dak li nsibu ftit passi bgħid mill-Kalvarju, jiġifieri l-Qabar ta' Kristu. Dan huwa l-qalba tal-Imkejjen Imqaddsa l-oħra kollha li sal-lum għadu jiġbed għal ħdejh qtajja' kbar ta' Nsara minn kull naħa tad-dinja. Qassisin, Isqfijiet u Kardinali jiġu mill-bgħid biex jagħtuh qima, u li ma' dwaru r-Rħieb Franġiskani ma qatgħu qatt il-għassa tagħhom. U għal kemm jiena nnifsi dort u rajt l-Imkejjen kollha tal-Art Imqaddsa, qatt u qatt ma kont inħossni mistrieħ, ħieni, kburi u ferħan, daqskemm meta kien imissni li nqaddes fuq dik ir-rħama bajda li taħtha hemm is-sodda tal-blat, jew qabar, fejn kien midfun il-Ġisem t'Alla n-Nifsu magħmul bniedem u li mbagħad minn hemm qam u ħareġ ħaj u rebbieħ fuq il-mewt biex ma jarġa' jmut iżjed.~~

~~PROF. D. ANTON TABONE.~~

# BIĊĊA "ART IMQADDSA" F'MALTA

Hawnekk sa nagħmel bħal ma għamel darba f'Nazaret, wieħed Franġiskan, Patri Kleofa. Kienet il-festa ta' San Ġużepp, u għamel priedka fuq il-qrar. Qalilhom lin-nies malli tala' l-manbar: "Il-lum hi l-festa ta' San Ġużepp. San Ġużepp kien mastrudaxxa. Mastrudaxxa jaħdem l-injam. Mill-injam isiru l-kunfissinarji. Il-kunfissinarji jiswew għall-qrar. Mela jien sa nagħmel predka fuq il-qrar!"

U hekk sa nagħmel jien. Dan il-Qari huwa "Leħen l-Art Imqaddsa." F'Malta għandna biċċa Art Imqaddsa. Din l-Art Imqaddsa hi San Pawl il-Baħar. Mela jien sa nikteb xi ħaġa fuq San Pawl il-Baħar!

Imma għaliex hija Art Imqaddsa San Pawl il-Baħar? Għax hemmekk qabad l-art, hemm mexa, hemm għallem, hemm għamel l-ewwel Insara f'dil-gżira, l-Appostlu Missierna San Pawl.

* * *

San Pawl kien Lhudi mit-Turkija, imma trabba Ġerusalem, u kien żagħżugħ imħeġġeġ għal-Liġi ta' Mosè. Ftit wara li sallbu lil Ġesù, meta l-Insara bdew jiżdiedu, daż-żagħżugħ ħa ittra minn għand il-Qassis il-Kbir ta' Ġerusalem biex imur jaqbad minnhom minn Damasku. Fit-triq qabditu x-xita u faqqgħet sajjetta fuq rasu imma ma qatlitux. Mas-sajjetta sama' leħen li qallu: "Xawl, Xawl, lamma tgħażżabni?" jiġifieri: 'Sawl,

Sawl, għax qiegħed taħqarni?" San Pawl wieġeb: "Rabbi, int min int?" U l-leħen raġa' wieġeb: "Jiena Ġesù, dak li qiegħed taħqru inti!"

Minn dak il-ħin San Pawl qaleb Nisrani bir-ruħ u l-ġisem. U beda jgħallem li ma kienx hemm għal fejn wieħed iħares aktar il-Liġi ta' Mosè, għax Ġesù bil-mewt tiegħu kien neħħieha. Għal dan il-Lhud kienu jobgħoduh, dawk li kienu qalbu u dawk li ma kienux, għax dawk li qalbu Nsara kienu baqgħu jħarsu wkoll il-Liġi l-Qadima. Darba San Pawl mar Ġerusalem u daħal it-Tempju. Kif rawh hemm ġew il-Lhud ħatfuh u kienu sa joqtluh, li ma niżlux is-suldati Rumani li kienu għassa fil-fortezza u ħaduhulhom minn idejhom. Minn Ġerusalem ħaduh Kajsarija, u dewwmuh hemm sentejn, sa ma tinqatagħlu l-kawża.

Darba saqsewh jekk riedx jitla' Ġerusalem, ħalli l-kawża tinqatagħlu hemm, billi kien ħarrku l-Qassis il-Kbir. San Pawl ma riedx, imma talab li jinbagħat Ruma, ħalli l-kawża tinqatagħlu quddiem l-Imperatur. Għal hekk il-Ħakem għabba fuq ġifen lilu u ħafna oħrajn u bagħathom lejn l-Italja qajl-qajl. Kien ix-xahar ta' Awissu tas-sena wara Kristu 60. Il-ġifen kien jimxi bir-riħ biss, mhux bl-imqadef ukoll, għal hekk marru mal-art-l-art, meta jqum ir-riħ jimxu, u meta jorqod ir-riħ, jieqfu. Ara kemm waqfu, li biex waslu minn Kajsarija sa Kreta, damu sejrin xahrejn!

Daħlu fi Kreta, imma l-marsa li daħlu fiha lill-kaptan ma għoġbitux, għax ma kenitx tajba wisq biex jgħaddu fiha x-xitwa. Imma kif ħareġ il-ġifen minn hemm biex jidħol marsa oħra, l-ajru qallu: "Hawn irridek!" Qamet taqliba ddoqq l-iskotti u l-ġifen bdiet iddawru donnu żugraga u tgħollih donnu tapp ta' flixkun. U wara erbatax-il jum mitlufin fuq il-




**Is-safra ta' San Pawl minn Kajsarija sa Pozuoli.**
**Il-ħażż iswed juri l-mogħdija tal-ġifen.**
**It-tikek juru kif kien jgħaddi l-ġifen kieku tas-sew mar Meleda.**

baħar, daħlu fi gżira jisimha Melite, u ma ntilef ħadd minnhom, u għaddew it-tliet xhur tax-xitwa hemmekk.

* * *

Ġie żmien li kien hemm min qal li San Pawl mhux f'Malta ġie, imma mar fi gżira oħra, jisimha Melite wkoll, fil-baħar Adrijatku, qrib il-Jugoslavja. Ir-raġunijiet li ġiebu kienu dawn: (a) li Malta ma hawnx lifgħat; (b) li Malta ma tinsabx fil-baħar li jgħidulu Adrija; u (ċ) li l-Maltin ta' dak iż-żmien kienu 'l quddiem ħafna u ma tistax tgħidilhom *Barbaroi*.

Dawn ir-raġunijiet huma, kif ngħidulhom bil-Malti, tiftix ta' xagħra fil-għaġina. Għax (a) il-lifgħa ħarġet minn ġewwa l-qatta tal-ħatab, u l-ħatab ma tistax tgħid li kien ħatab ta' Malta. Sal-lum għadhom fil-Greċja jbigħu l-ħatab għan-nar lil pajjiżi oħra (ara l-ktieb ta' Morton: "In the Steps of St. Paul", faċċata 228). U sa xi ħamsin sena ilu Malta wkoll kien jinġieb il-ħatab għan-nar minn artijiet oħra. Il-lifgħat fix-xitwa jorqdu għal kemm-il xahar, jew taħt l-art, jew jekk isibu, ġewwa l-ħatab (ara wkoll "News of the World", 17 ta' Lulju 1955, faċċata 4. Mara Ingliża xtrat ħasira tal-qasab u kif firxitha minn ġewwa fiha ħareġ serp). Tarġa', jista' jkun li dik li ħasbuha lifgħa kienet serp ta' Malta, li jixbaħ ħafna lil-lifgħa, jgħidulu bil-Latin *coluber leopardinus* (ara x'kiteb fuq din ix-xorta ta' serp is-Sur Gwidu Lanfranco fis-"Sunday Times of Malta" tas-17 ta' Mejju 1956), billi dawk il-Barbrin kienu nies minn Barberija tas-sew, u ma kienx ilhom wisq li ġew Malta jaħdmu fir-raba ta' San Publiju. Is-serp kien daħal jorqod ir-raqda tax-xitwa, għax meta San Pawl ġie Malta kien Novembru, wara s-sawma tal-ħarifa (dis-sawma timxi mal-qamar, u tiġi bejn is-26 ta' Settembru u l-14 ta' Ottubru, kif qalli r-Rabbi tal-Lhud), u kien laħaq beda l-ksieħ. (b) il-baħar li jgħidulu Adrija kien jibqa' nieżel sa Malta, u dan jidher mill-kitba ta' baħħara Griegi tal-antik (ara "Voyage and Shipwreck of St. Paul" ta' Captain James Smith, R.N.). (ċ) kienu jissejħu *Barbaroi* dawk in-nies li ma jafux bil-Grieg, jew li jafuh ħażin-ħażin (ara "Sull'Origine della




**MALTA. — Ritratt tad-Daħla ta' San Pawl il-Baħar meħuda mill-ajru.**
**A: fejn rabat il-ġifen bil-lejl, fejn hemm 15-il qama ilma. — B: fejn riedu jidħlu fil-għodu.**
**C: id-daħla Tal-Għażżenin fejn lil ġifen tefgħu r-riħ.**

Lingua Maltese", ta' A. E. Caruana, faċċata 222).

Imma li San Pawl ġie Malta, din tagħna, hemm argumenti li ħadd ma jista' jċaqlaqhom: (a) il-kaptan baża' li l-ġifen jeħel ġewwa r-ramel ta quddiem l-Afrika; mela r-riħ ma kienx jonfoħ għan-naħa tat-Tramuntana, fejn hemm Malta l-oħra, imma għan-naħa ta' hawn. (b) San Pawl u sħabu xettew fil-gżira li waslu fiha, mela kienet bgħida mit-*terra ferma,* m'hux bħal Malta l-oħra, ta' fuq, li minnha għal Jugoslavja ma hemmx għajr erba' mili bgħid. (ċ) Wara x-xitwa marru l-Italja ma' ġifen Lixandrin li kien xetta fil-gżira. Issa ġifen Lixandrin f'Malta tagħna jista' jinsab, m'hux f'Malta ta' fuq, għax hemm ma hix triqtu mill-Eġittu għall-Italja, bħal ma jidher mill-mappa li ġibna hawnekk. (d) San Luqa kiteb li huma u sejrin l-ewwel għaddew Serqusa imbagħad Reġġu; kieku kienu ġejjin minn Malta ta' fuq, kienu jgħaddu bil-maqlub, l-ewwel Reġġu, imbagħad Serqusa, kif jidher ukoll fil-mappa, m'hux l-ewwel jinżlu 'l isfel, imbagħad jerġgħu jitilgħu 'l fuq. Mela San Pawl Malta tagħna ġie, u Malta tal-Jugoslavja anqas biss ħolom biha.

* * *

San Pawl qagħad tliet xhur hawn Malta u milli jidher, il-biċċa l-kbira taż-żmien għaddieh għall-kwiet, fil-villa ta' San Publiju, Bur-Marrad, qrib id-daħla li niżel fiha. Dan jidher għax hemmekk hemm wied jgħidulu Wied il-Pwales. *Pwales* hija l-plural Malti ta' *Paulus,* u tfisser, kif kieku ngħidu l-lum: *il-Pawlini,* jiġifieri, id-dixxipli ta' Pawlu. Dak iż-żmien hekk kienu jagħmlu l-Insara, jieħdu l-isem ta' min għammidhom, għad li lil San Pawl innifsu ma kienx jogħġbu dan (ara I Kor. I, 12-17).

San Pawl, mela, hawn Malta, għamel ħabib sewwa ma' dawk li kienu għenuh jeħles mill-għarqa. Kien imur dali jsibhom u joqgħod jgħallimhom u jfejjqilhom lil min kellhom marid.

* * *

Mur arah, mela, lil San Pawl, f'xi għodwa xemxija tax-xitwa, joħroġ mill-villa ta' Bur-Marrad u jitlaq qajl-qajl, jgħawweġ saqajh (għax jgħidu l-



**SAN PAWL IL-BAĦAR. — Il-"kolpos" jew daħla żgħira fejn il-kaptan ried jinkalja l-ġifen u ma seħħlux. Tidher il-knisja mibnija tifkira tal-Miġja ta' San Paw!, fuq il-post fejn il-Maltin xegħlu l-ħuġġieġa. Ritratt meħud mill-kittieb.**

antiki li San Pawl kellu għajnejh impexpxin, u saqajh imgħawġa, *Acta Pauli,* k. II, v. 3, u hu wkoll jgħid li kien ikraħ, II Kor. x, 10), imsieħeb minn San Luqa u xi suldat Ruman, lejn id-daħla li ngħidulha San Pawl il-Baħar. Hemm kien ikun hemm issajjieda jsewwu x-xbiek, u hu joqogħod bil-qegħda fuq xi ħaġra jew fuq xi sorra xbiek, u huma jduru miegħu. Mur isimgħu jħajjarhom jitilqu l-allat tar-rħam u tal-ħaġar, li ma jiswew xejn, u jagħtu qima minn bdielhom 'l Alla Wieħed, Alla tas-sema. Mur isimgħu jsemmi għall-ewwel darba f'Malta l-Isem Imbierek ta' ĠESU'!

* * *

Hux tas-sew, mela, li San Pawl il-Baħar hija biċċa Art Imqaddsa? Ma hix Art Imqaddsa daqs il-Palestina, għax ma mexiex u għallem fiha Ġesù, imma mexa u għallem fiha, biex ngħidu hekk is-*segretarju* tiegħu. Għax tad-Din Nisrani kien Ġesù li għamel il-ħmira u qabbad il-forn, imma kien San Pawl li ħabeż il-ħobż, u qabel għaġen il-għaġina!

BEN JEĦUŻA



SAN PAWL IL-BAĦAR. — Biċċa mill-"Art Imqaddsa" ta' Malta. Ix-xatt, li min jaf kemm mexa fuqu San Pawl. Ritratt meħud mill-kittieb minn fuq it-taraġ tal-knisja.

## QAWL TAL-PALESTINA

Min ħabbek, satar għajjubek, u min bagħdek, kattar dnubek. Hekk hu sewwa sew. Min iħobbok, jgħinek u min jobgħodok itaqqallek. Ħaġa li narawha kull jum u kull ħin.